**Dikjarazzjoni**

- Jien, hawn taħt iffirmat nixtieq napplika biex inħallas sa massimu ta' ħames (5) snin f'kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali b'lura sabiex intejjeb ir-rekord tal-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali tiegħi.
- Jien naċċetta li r-rata ta' ħlas dovuta hija dik effettiva bħala tat-**Tieni Klassi**, **rata SA** li tkun applikabbli fid-data ta' din l-applikazzjoni.
- Jien naċċetta li ma nistax inħallas kontribuzzjonijiet ta-Sigurtà Soċjali nieqsa li jaħbtu f'perjodu li fih ma kontx residenti fir-Repubblika ta' Malta.
- Naċċetta wkoll li d-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali jista' jiċħad din it-Talba kemm il-darba din ma tkunx konformi mar-rekwiżiti neċessarji għal din l-iskema.
- Niddikjara li sa fejn naf jien, it-tagħrif li tajt hu kollu minnu, u hu komplet u korrett. Nifhem li jekk nagħti informazzjoni falza, nista' neħel l-pieni hekk kif stipulat fil-Kodiċi Kriminali (Kap. 9.) u nista' wkoll nitlef d-dritt għall-għajnuna skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318.).

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Isem u Kunjom | Numru tal-Karta tal-Identità |
| ______________________ | ______________________ |
| Firma | Data |

**Dikjarazzjoni dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data:**

Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jżomm dik l-informazzjoni kollha li hija relevanti biex jagħti s-servizzi meħtieġa lil dawk il-persuni li jikkwalifikaw għal xi assistenza, benefiċċju jew pensjoni mhux kontributorja, skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318.). Id-Dipartiment jista' jivverifika l-informazzjoni li inti ssottomettejt kif jipprovdi l-artiklu 133 (b) tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali sabiex jiżgura l-eżattezza fir-rigward tat-talba. Id-data personali tista' tingħata lil dipartimenti jew terzi partijiet, li jistgħu jkollhom aċċess għad-data personali tiegħek kif tippermetti l-liġi. Fil-ġlieda kontra u l-prevenzjoni tal-frodi, id-Dipartiment jista' jgħaddi lil istituzzjonijiet barranin ta' benefiċċji, l-informazzjoni personali kif stipulat fi trattati internazzjonali u / jew ftehim bilaterali li Malta tagħmel parti minnhom. Tingħata risposta dwar ir-riżultat tal-applikazzjoni tiegħek wara li din tkun mistħarrġa.

Skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (EU) 2016/679 (GDPR) u l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap. 586.), aħna għandna d-dmir legali li nirrispettaw u nipproteġu kull informazzjoni personali li aħna niġbru mingħandek u aħna ser insegwu dan id-dmir. Aħna ser nieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa biex ma nħallux xi aċċess mhux awtorizzat. Aħna ma ngħaddux id-dettalji miġbura minnek bħala viżitatur u/jew utent, lil xi partijiet terzi sakemm ma tagħtiniex il-kunsens biex nagħmlu dan jew kif awtorizzat bil-liġi. Tista' tikteb biex tkun taf x'informazzjoni personali għandu dwarek id-Dipartiment, u eventwalment titlob biex l-informazzjoni tiġi korretta jew fejn applikabbli titħassar informazzjoni li mhix korretta, b'referenza għat-talba li għamilt. Din it-talba trid tintbagħat lil "Kontrollur ta' Data", Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, 38, Triq l-Ordinanza, Il-Belt Valletta VLT 1021 jew permezz ta' email lil dpsocialsecurity.dss@gov.mt u azzjoni xierqa tittieħed kemm jista' jkun malajr. Meta tikteb f'dan ir-rigward, jekk jogħġbok niżżel in-numru tal-karta tal-identità tiegħek, in-numru tas-sigurtà soċjali tiegħek, ismek, l-indirizz, kif ukoll xi dokumenti oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex nidentifikaw il-każ tiegħek.